

L-immaniġġjar tal-awtorità u tal-utenti tiegħi

<u>1. MIN JISTA' JIMMANIĠĠJA D-DEJTA TAL-AWTORITÀ U TAL-UTENTI?</u>	<u>2</u>
<u>2. APPDEJTJAR TAL-AWTORITÀ TIEGħI (DEJTA BAŻIKA U DEJTA RELATATA MAL-MODULU)</u>	<u>2</u>
<u>3. REĠISTRAZZJONI TA' KOLLEGA BĦALA UTENT ĠDID.....</u>	<u>3</u>
<u>4. IMMANIĠĠJAR TAL-UTENTI FL-AWTORITÀ TIEGħI</u>	<u>4</u>
<u>4.1. TIBDIL TAD-DETTALJI TA' KUNTATT U TAR-RWOLI.....</u>	<u>4</u>
<u>4.2. ISSETTJAR MILL-ĠDID TAL-PASSWORDS</u>	<u>4</u>



1. MIN JISTA' JIMMANIĠĠJA D-DEJTA TAL-AWTORITÀ U TAL-UTENTI?

Ladarba awtorità tkun irreġistrata fis-sistema tal-IMI, hi **responsabbli għall-immaniġġjar tad-dejta lokali tagħha**. Iż-żamma tad-dettalji tal-kuntatti, tal-kliem ewlieni u tad-deskrizzjonijiet tal-appdejt tal-awtoritajiet hi kruċjali peress li tgħin lill-utenti jidentifikaw l-awtorità li jeħtieġu jikkuntattjaw. Kull awtorità hi responsabbli wkoll mill-immaniġġjar tal-utenti tagħha.

L-ewwel utent irreġistrat għal awtorità jingħata awtomatikament id-drittijiet kollha, inklużi d-drittijiet ta' Amministratur. Ir-rwol ta' Amministratur jista' jiġi assenjat ukoll lil utenti oħra.

Id-drittijiet ta' Amministratur jippermettu lill-utent:

- jappdejtja d-dejta miżmuma fl-IMI dwar l-awtorità tagħhom (dettalji ta' kuntatt, kompetenzi eċċ.)
- jirreġistra utenti ġodda
- jimmaniġġja l-utenti tal-awtorità kollha (inklużi t-tneħħija ta' utenti, l-editjar tad-dejta tal-utent, it-tibdil tad-drittijiet tal-utent u l-issettjar mill-ġdid tal-passwords).

Għalkemm hi r-responsabbiltà tal-awtorità li tappdejtja d-dejta tagħha stess, awtoritajiet magħrufin bħala **Maniġers tal-Aċċess**¹ jistgħu wkoll iwettqu dawn il-funzjonijiet jekk meħtieġ (ara l-linji gwida dwar [l-Immaniġġjar tal-Aċċess għall-IMI](#)).

2. APPDEJTJAR TAL-AWTORITÀ TIEGĦI (DEJTA BAŻIKA U DEJTA RELATATA MAL-MODULU)

Biex tappdejtja l-awtorità tiegħek fl-IMI:

1. Agħżel mill-menu "Amministrazzjoni" → "L-Awtorità Tiegħi".
2. Ikklikkja **"Editja awtorità"** fuq it-tab **"Awtorità"**.
3. Editja t-**tabs rilevanti** (it-tab "Awtorità", "Klassifikazzjoni" jew "Moduli").
4. Issejvja t-tibdiliet tiegħek.

Jekk int Amministratur f'awtorità responsabbli għall-immaniġġjar tal-aċċess għall-IMI (**Maniġer tal-Aċċess**) tista' wkoll timmodifika l-aċċess tal-awtorità għal moduli u ssettjar ieħor (ara l-linji gwida dwar l-Immaniġġjar tal-[Aċċess għall-IMI](#)).

It-tab "Awtorità":

- Jekk għandek tibdel fit-titlu informali b'mod sinifikanti, ittikkja l-kaxxa taħtu (disponibbli biss meta tkun qed teditja d-dejta). Dan javża lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkoreġi t-titlu informali f'lingwi oħrajn.

¹ Il-manijer tal-aċċess jirreġistra lill-awtoritajiet u jagħti l-aċċess għal moduli.

- **Jeħtiegħlek iżżomm l-indirizz tal-email tiegħek appdejtjat.** Is-sistema tuża dan u l-indirizzi tal-email tal-utenti biex tinnotifika lill-awtorità u l-utenti dwar kwalunkwe attività fl-IMI li tikkonċerna l-awtorità.

It-tab "Klassifikazzjoni":

- Tiżgura li kliem ewlieni rilevanti kollu għall-awtorità tiegħek hu magħżul. Dan il-kliem prinċipali juri kompetenzi ġenerali.

It-tab "Moduli":

- Tista' teditja settijiet ta' kliem ewlieni speċifiku għal kull modulu u/jew iżżid jew tneħħi koordinaturi llinkjati (fejn rilevanti) għal modulu partikulari.

3. REĠISTRAZZJONI TA' KOLLEGA BĦALA UTENT ĠDID

Bħala Amministratur, tista' tirreġistra utenti ġodda. Jekk int Amministratur f'awtorità reġistrata ġdida, waħda mill-ogħla prioritajiet tiegħek hi li **tirreġistra kollega ieħor bi drittijiet ta' Amministratur bħala back-up.**

Biex tirreġistra utent ġdid:

1. Agħżel mill-menu "Amministrazzjoni" → "L-Awtorità Tiegħi".
2. Agħżel it-tab "Utenti", li tipprovdi l-buttuna "Żid utent".
3. Daħħal id-dejta li ġejja:
 - isem u kunjom
 - lingwa ta' ħidma preferuta (għall-emails mill-IMI)
 - indirizz tal-email — għal emails iġġenerati mis-sistema għal dan l-utent. Kull utent għandu jkollu indirizz tal-email uniku. **Ma tistax tirreġistra utent ġdid fl-IMI bl-istess indirizz tal-email bħal dak ta' utent eżistenti.**
 - numru tat-telefown (fakultattiv)
 - rwoli tal-utent — agħżel id-drittijiet li għandhom jingħataw lill-utent il-ġdid **għal kull modulu.**

Kwalunkwe minn din l-informazzjoni tista' tiġi mibdula f'kull punt, inklużi d-drittijiet tal-utent għal kull modulu.



Finalment, **informa lill-utent il-ġdid dwar il-username mingħajr ma tuża email** (għal raġunijiet ta' sigurtà). Tista' tbiddel il-username iġġenerat mis-sistema għal wieħed tal-għażla tiegħek stess jekk tixtieq. **Is-sistema ma taċċettax usernames li diġà huma użati fl-IMI.**

4. IMMANIĠĠJAR TAL-UTENTI FL-AWTORITÀ TIEGĦI

Bħala Amministratur, tista' **teditja d-dettalji u r-rwoli** tal-utenti fl-awtorità tiegħek u **tissettja mill-ġdid il-passwords**. Biex tagħmel dan:

1. Agħżel mill-menu "Amministrazzjoni" → "L-Awtorità Tiegħi".
2. Mur fuq it-tab "Utenti", fejn l-utenti reġistrati huma elenkati.
3. Editja d-dettalji tagħhom jew issettja mill-ġdid il-passwords.

4.1. TIBDIL TAD-DETTALJI TA' KUNTATT U TAR-RWOLI

Id-**dettalji ta' kuntatt** jeħtiġilhom jibqgħu appdejtjati. Bħala Amministratur, tista' tbiddel jew tappdejtja d-**drittijiet** tal-utenti taħt l-awtorità tiegħek. Dan hu utli jekk l-awtorità tiegħek tingħata aċċess għal modulu ġdid. Ċerti rwoli tal-utenti jridu jiġu attribwiti għal tal-anqas utent wieħed fl-awtorità.



Id-drittijiet assenjati lil utent għandhom jirriflettu r-responsabbiltajiet ta' dak l-utent. Dawk biss li għandhom rwol partikulari ta' modulu għandhom jingħataw aċċess għalih. **Meta kollegi jitolqu, neħħihom mill-IMI.** Dan hu vitali għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta.

4.2. ISSETTJAR MILL-ĠDID TAL-PASSWORDS

Bħala Amministratur, tista' tissettja mill-ġdid il-passwords għall-utenti l-oħra fi ħdan l-awtorità tiegħek. Meta tissettja mill-ġdid il-password, is-sistema tibgħat b'email password temporanja għall-utent.



Il-Passwords għandhom jinbidlu kull 6 xhur. L-utenti jirċievu nota ta' tfakkir b'email.

Il-passwords għandhom jikkonformaw mar-regoli li ġejjin:

- L-aħħar 5 passwords ma jistgħux jintużaw.
- Il-password irid ikollha mill-anqas 8 karattri.
- Jeħtiġilha jkollha tal-anqas
 - karattru 1 b'tipa kapitali
 - karattru 1 b'tipa żgħira
 - ċifra 1 numerika.

Bħala Amministratur, tista' tara jekk utent:

- illoggja tal-anqas darba (status: **attiv**)
- qatt ma lloggja (status: **ġdid**)
- għandux password temporanja, valida, imblukkata jew skaduta.